MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Numru. 572/2000

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carmelo Magri)**
**(Sp. Alex Miruzzi)**

**v**

**Stacey Chircop ta' 28 sena bin Joseph u Filippa nee Spiteri mwieled Pieta' fl-20 ta' Awissu, 1971 u li joqhgod**
**Block C, Flat 1, Triq l-Ghajn, Valletta,**
**detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 395171 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Stacey Chircop li gie akkuzat talli fis-6 ta' Awissu, 2000 ghall-habta tat-8.30 ta' filghaxija waqt li kien gewwa l-Welcome Bar, sitwat fi

Triq it-Tigrija, Marsa dolozament, bil-hsieb li joqgtol lil Philip Xuereb minn Haz-Zebbug jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, billi permezz ta' strument li jaqta' u jniggez tah diversi daqqiet fuq rasu liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'permezz ta' strument li jaqta' u jniggez, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Philip Xuereb minn Haz-Zebbug skond kif gie ccertifikat minn Mr Antoine Zrinzo MD ta' l-isptar San Luqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' u li jniggez ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' l-istess Philip Xuereb, liema offizi x'aktarx jikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh, ta' l-imsemmi Philip Xuereb.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strumenti li jaqta' u li jniggez.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

U finalment talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-istess wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali a fol 451 u cioe:

(a) l-artikoli 215, 217, 218 tal-Kodici Kriminali
(b) l-artikoli 13, 19, 26 tal-Kapitlu 66
(c) fl-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni li jigi gudikat bi proceduri sommarji (fol 453) kif reggha gie ritenut fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2004.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza tittratta dwar allegat feriment ta' Philip Xuereb mill-agent l-akkuzat billi allegatament tah daqqa ta' strument b'ponta wara li kellhom xi jghidu gewwa l-Welcome Bar gewwa l-Marsa. Fil-fatt ix-xhieda principali kien l-istess sid u uliedu tal-Welcome Bar u l-klijenti ta' l-istess bar.

Xehed ghalhekk certu Joseph Cordina, xehed illi hu dahal gol-Welcome Bar jixtri pakkett sigaretti hemmhekk semgha lil Lippu (il-ferut) u lil Stacey (l-akkuzat) jillitikaw fuq kelb. Jghid li Stacey lil dan Lippu qallu, b'referenza ghall-kelb, li kien kbir ghal ma' tieghu. Zied li Stacey ma tkellem xejn, telaq il-barra, dahal u ghamel hekk dana Stacey "Bum Bum u rajtu ma' l-artu u tlaqt nigri il-barra" (a fol 19). Mistoqsi jispjega x'irid jghid b'dan kollu xehed li Stacey dahal bil-mod, imbuttah, bdew jiggieldu t-tnejn, cioe Lippu u Stacey, u Lippu waqgha ma' l-art. Zied fuq aktar mistoqsijiet illi Stacey indirizza lil Lippu meta dahal bil-kliem "Ejja issa" u kien hawn li Lippu "qam ghalih" (fol 20). Kien hawn skond ix-xhud li Stacey ghamel "bum bum" u rah jaqa' ma' l-art, cioe lil Lippu.

Dan ix-xhud kompla jzid, b'certu diffikulta' biex jinftiehem, illi minn hziemu hareg xihaga pero' ma jafx x'kellu f'idu.

Xehed ukoll dan ix-xhud li fil-konverzazzjoni bejn Lippu u Stacey, fejn Lippu ried li Stacey igelled il-kelb ma’ tieghu, u Stacey irrifjuta ghax tieghu kien izghar, Lippu lil Stacey qallu d-diskors fis-sens li hu kien jibza’ jekk iffaccjat b’xi ragel m’ghola hawn. Kien hawn li fil-fatt l-akkuzat telaq il-barra bil-kwiet, reggha dahal u ‘bum bum’ f’daqqa wahda (fol 24). Jghid ukoll li qabel ma Stacey ghamel din il-mossa minnu deskritta ta’ ‘bum bum’ qallu lill-boxer, “Qum minn hemm Bully – u hekk kif kienet. Qallu “ha nghidlek kemm nibza’ mill-kbar ... gie – bum bum u waqa’ ma’ l-art bum” (fol 24).

In kontroezami dan ix-xhud spjega illi Lippu beda anke jiccalingja xi persuna ohra bil-laqam tac-Champion. Zied li Lippu dahhal anke l-kelb tieghu il-barra mill-bar, dahal lura u skond dan ix-xhud aggredixxa lil Lippu.

Xehed ukoll Joseph Xuereb, neputi tal-ferut. Ghandu jinghad illi dana Xuereb xehed tliet darbiet quddiem il-Perit Richard Aquilina, quddiem il-Magistrat Inkwirenti u quddiem din il-Qorti. Pero’ fil-bidu ta’ l-investigazzjoni lill-Pulizija minhabba bizgha qalilhom li ma ra xejn.

Il-fatt jibqa’ pero’ illi quddiem il-Perit Aquilina huwa xehed illi ghall-habta tat-tmienja huwa mar il-Welcome Bar jiehu Coke, ra lil Stacey hiereg il-barra, rah diehel u rah jaghti daqqa ta’ tornavit lil zijuh. Jiddeskrivi illi Lippu u Stacey vera kienu qed jargumentaw pero’ mhux b’mod illi kien jindika li kien se jaghtu lil xulxin. Jiddeskrivi kif Stacey dahal b’pass imghaggel u mar mill-ewwel fuq Philip u tah daqqa ta’ tornavit. F’dan l-istadju ddeskriva dan it-tornavit bil-manku b’kollox bhala wiehed li kien fih zewg piedi u ohxon nofs pulzier. Iddeskriva li Stacey zamm il-manku qisu stallett u ta daqqa minn fuq ghal isfel.

Insista illi nies aktar fil-bar kien hemm pero’ li kollha hargu l-barra x’hin gara l-incident. Ma kienx jispjega min kienu n-nies li kien hemm fil-hanut.

Jista’ jinghad illi Xuereb quddiem il-Magistrat Inkwirenti qal l-istess diskors.

Viva voce quddiem din il-Qorti xehed illi ziju (Lippu) u Stacey kienu bil-qeghda fuq zewg imwejjed differenti u kif dahal gol-Welcome Bar semgha lil zijuh jghid lil Stacey li z-zghir jibzgha mill-kbir ( a fol 90). Ra waqt li kien qed jistenna l-bqija lil Stacey hiereg barra, hawn ghadu qed jistenna l-bqija, hares lura ra lil Stacey jidhol lura u jaghti daqqa ta' tornavit lil zijuh Philip. Hawn iddeskriva t-tul tat-tornavit bhala wiehed li kien qisu pied. Ikkonferma li l-aggressur kien Stacey Chircop. Ikkonferma illi bil-bizgha huwa kemm lill-Ispettur Miruzzi kif ukoll lill-Ispettur Magri, qalilhom li ma kien ra xejn.

Anke dan ix-xhud ikkonferma illi qabel l-incident Stacey hareg il-kelb barra mill-bar kif ukoll li kemm il-ferut kif ukoll l-akkuzat kienu ilhom il-bar jixorbu almenu mit-tlieta ta' wara nofsinhar. Ikkonferma anke dan ix-xhud li semgha lil Lippu jghid lil Stacey diskors fis-sens li z-zghir jibza' mill-kbir.

Jghid hekk dwar l-incident: ra lil Stacey diehel b'tornavit f'idu, rah diehel b'pass imghaggel, rah jaghti daqqa <u>wahda</u> (enfazi tal-Qorti) lil zijuh. Rah jaghti daqqa l-isfel u li kien qed izom it-tornavit mill-manku. Ra li d-daqqa Lippu rceviha go rasu.

Ikkonferma dan ix-xhud illi meta rega' gie lura (ghax hu mis-2.00 p.m. kien telaq mill-bar, ghamel xi xoghol u regha rritorna lura qabel l-incident) huwa fil-fatt kien ra lil Stacey b'kelb, li kien qed izomm ma' cinga u l-kelba ta' zijuh kien marbut barra. Ikkonferma wkoll dan ix-xhud li hu ra lil Stacey hiereg barra bil-kelb.

In kontro ezami wkoll, Joseph Xuereb kien insistenti li t-tornavit kellu manku li ghalkemm kien f'id Stacey xorta setgha jarah. Insista li darba li Stacey gholla jdejh hu ra kemm it-tornavit innifsu kif ukoll il-manku.

Ikkonferma wkoll illi ghalkemm fil-bar qabel l-incident kien hemm aktar nies li pero' ma kienx jaf min huma. Xehed ukoll illi x'hin gara l-incident kulhadd hareg barra mill-bar.

Paul Grima wkoll xehed diversi drabi. Quddiem il-Perit Aquilina u l-Magistrat Inkwirenti u anke fi kliem iehor quddiem din il-Qorti huwa kkonferma li Lippu u Stacey kienu qeghdin jixorbu flimkien ghal tul ta’ zmien. Kienu qeghdin fil-fatt jitkellmu fuq il-klieb. Xehed Grima li Lippu stieden lil Stacey biex igelldu l-klieb pero’ Stacey ma riedx minhabba d-daqs tal-klieb. Jghid ukoll li ma dehrlux li l-konverzazzjoni kienet tant animata li kellha twassal ghal dan l-incident. Grima kull darba li xehed dejjem qal li hu qatt ma ra l-incident isehh. Hareg mill-kcina u ra lil Lippu fl-art f’ghadira demm.

Xehed anke iben l-ahhar xhud, Fabian Grima li wkoll kien fil-bar jghin lil missieru. Dan ix-xhud spjega lil Stacey u Lippu kien ilhom tul taz-zmien jixorbu mejda ma’ mejda jhallsu xorb lil xulxin. Ikkonferma li kien qed jitkellmu fuq il-klieb u li Stacey ma laqghax is-suggeriment tal-boxer li jgelldu l-klieb flimkien ghaliex skond l-akkuzat ta’ Lippu kien ikbar. Grima Fabian xehed li hu ghax kien fil-games room qatt ma ra l-incident.

Louise Luck fl-opinjoni tal-Qorti, xhud ferm reticenti xehdet diversi drabi, diversi drabi imwissija kemm fl-inkjesta kif ukoll quddiem din il-Qorti, Luck baqghet insistenti illi hija la rat u lanqas semghet xejn. Anzi tinnega anke wara konfront ma’ Joseph Xuereb li kienet hi li servietu l-Coca. Luck anke kkonfrontata bix-xhieda tal-prezenza taghha fil-bar baqghet tinnega dan sa l-ahhar. Tghid din ix-xhud li lanqas semghet xi hjiel ta’ incident u li ndunat b’dak li gara x’hin rat lil Fabian idawwar lil Lippu fuq genbu u rat id-demm hiereg.

George Spiteri xehed li hu wkoll kien fil-Welcome Bar, hawn hu kien qed jilghab il-karti ma’ certu wiehed detto Ozzie. Ra li Lippu hemm flimkien ma’ neputih. Semghu jitkellem ma’ Stacey fuq il-klieb. Dan ix-xhud spjega li Lippu sahansitra gerfxilhom il-karti ghax baghtu igiblu l-kelb. Ix-xhud hekk ghamel. Xehed ukoll illi ghalih Lippu kien xurban u li semgha lil dan jinstiga lil Stacey biex iggieldu l-klieb, mentri l-akkuzat baqgha jirrispondi fin-negattiv. Anke x-xhud Rosario Galea kkonferma illi l-

boxer gerfxilhom il-karti tal-loghob biex jgieghel lil Spiteri jmur igiblu l-kelb.

Mario Caruana kkonferma fil-fatt li l-Bzaru (Spiteri) kellu kelb mieghu u dan il-kelb inhareg mill-karozza mill-Lippu. Dan ix-xhud ra lil dan il-kelb marbut mal-gate.

Anke Josef Buttigieg prezenti fil-Welcome Bar ikkonferma l-istedina ta’ Lippu biex igelldu l-klieb u l-oggezzjoni kontinwa ta’ l-akkuzat ghal dan.

Xehed anke l-ferut Philip Xuereb. Jinhtieg jinghad qabel ma tigi evalwata x-xhieda tieghu illi l-Qorti kienet innominat biex jghinha lil speech therapist Raymond Degiorgio (vide Dok RD fol 411 – 412).

Dr Anthony Debono wkoll nominat minn din il-Qorti esebixxa r-relazzjoni tieghu a fol 447 – 449 Dok GD. Illi fil-fatt ix-xhieda li ddepona l-istess Xuereb trid tigi llum ikkonsidrata fl-isfond tal-konkluzjonijiet tal-istess konsulent.

Philip Xuereb xehed lejn l-ahhar tal-gbir tal-provi f’din il-kumpilazzjoni biex lahaq irkupra mill-griehi minnu sofferti. Jinghad illi fil-fatt Philip Xuereb xehed b’mod ghal kollox simplistiku u dan in linea ma’ dak li xehdu l-esperti gia msemmija kemm fuq l-ispeech tieghu kif ukoll dwar il-memorja tieghu.

Jghidilna li ftakar li hu ried igelled il-kelb ma’ Stace (recte Stacey) (fol 422). Ried igelldu fil-hanut li qieghed faccata tal-Marsa. Jghid li hu qalgha daqqa ta’ tazza minghand Stacey, jghid (bl-ghajnuna tal-interpretu) li spicca storda. Jghid li wara ma jiftakar xejn. Permezz anke ta’ mossi, kif jidher anke mill-interpretazzjoni tal-Qorti (fol 424), jghid li ra tazza gejja ghal wiccu. Ftakar li qabel ma qalgha daqqa ta’ tazza, hu u Stacey kienu qeghdin jixorbu l-birra flimkien. Ftakar ukoll li maghhom kien hemm in-neputi, Joe. Zied ukoll dan Xuereb li meta qalgha d-daqqa ta’ tazza kien barra. Senjalament zied li hu jahfer lil Stacey ta’ dak li gara. Jiftakar illi Stacey ma riedx igelled il-kelb tieghu minhabba d-daqs. Jghid ukoll li hu ma rax lil

Stacey jaghtih daqqa ta' tazza pero' dwar l-uzu tat-tazza possibilment minhabba frak tal-hgieg (fol 440).

Dwar il-griehi sofferti minn Philip Xuereb ghandu jinghad li nonostante l-gravita' tal-griehi sofferti, l-ewwel certifikat mahrug kien dak ta' hfief salv kumplikazzjonijiet.

Spjega f'dan ir-rigward Dr Gerhard Attard li fil-fatt kien sar lil Philip Xuereb dakinhar ta' l-incident. L-ewwel certifikat rilaxxat huwa dak ta' "slight save complications" fol 296 Dok AM. Dan it-tabib spjega illi fil-fatt meta sar X ray fuq Philp Xuereb, dawn kienu l-griehi li rrizultaw. Hawn kien ghadu fi stadju ta' ezami gewwa l-casualty. Xehed ukoll dan it-tabib li Philip Xuereb kien taht influwenza qawwija ta' xorb.

Darba li Philip Xuereb ittella' ghas-CT Scan il-vera natura tal-griehi minnu sofferti saru evidenti. Hawn gie determinat li l-griehi tieghu kienu life threatening. Mr Anthony Zrinzo fil-fatt xehed illi mir-rizultanzi tas-CT scan Xuereb kellu injuries ta' natura serja, kif ben deskritta kemm fix-xhieda tieghu kif ukoll fl-istorja medika minnu prezentata (folio 193-200). Bizzejjed li jinghad li Xuereb spicca jsofri minn hydro cephalus cioe gbir ta' ilma fil-mohh dan rizultanti tal-fatt illi huwa kellu frattura fil-kranju li ppenetrat il-mohh. Spicca wkoll isofri minn meningitis.

F'dan ir-rigward il-Qorti hatret anke lil Dr Mario Scerri li pprezenta r-relazzjoni tieghu dok MS (a fol 65 – 75). Mill-konkluzjonijiet ta' l-espert mediku jirrizulta li Philip Xuereb kien qed isofri minn lacerazzjoni fit-tessuti tan-naha tax-xellug tal-mohh

- din hija kompatibbli ma' stab wound, ferita aktar fonda milli wiesgha. Din il-ferita saret bi strument li jaqta' u bil-ponta
- konsiderando l-ebusija tal-kranji, huwa car li d-daqqa saret minn strument bil-ponta u <u>li d-daqqa kienet wahda qawwija</u> (enfazi tal-Qorti)
- ikkonkluda l-espert li l-ferita sofferta hija gravi u tista' tikkaguna l-mewt ta' Philip Xuereb

Oltre ghal Dr Mario Scerri din il-Qorti hatret ukoll lil Mr Anthony Galea Debono kif hawn fuq aktar premess dwar il-progress li kien qed jaghmel l-istess Philip Xuereb tul din il-kawza in kwantu ghal griehi sofferti vide Dok GD a fol 369 u dok GD a fol 447. Semghet il-Qorti f'dan ir-rigward anke lil Tonio Agius physiotherapist u Dione Cilia Farrugia, speech theraphist ta' Philip Xuereb, ilkoll kuranti li l-istess Xuereb kellu bzonn sussegwenti ghal griehi minnu sofferti.

Certament ma hemm ebda dubju f'mohh din il-Qorti dwar il-fatt li l-griehi sofferti minn Philip Xuereb kienu ta' natura gravi u dan ai termini ta' l-artikolu 218 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghandu wkoll jigi apprezzat l-istat li spicca fih ukoll illum Philip Xuereb kif rifless mit-tobba kuranti tieghu u t-terapisti li minghandhom qed jircevi l-kura.

Rat ukoll ix-xhieda ta' WPC 77 Joanne Mamo fejn gie stabbilit illi l-akkuzat ma kellu ebda licenzji biex izomm jew igorr strumenti bil-ponta (fol 201).

Rat ukoll is-sentenzi esebiti fir-rigward tar-recidiva Dok AM u Dok AM1 (fol 210 – 232). Rat f'dan ir-rigward l-ezentazzjoni ta' l-Avukat Difensur in kwantu ghax-xhieda ta' l-identita' (folio 271).

Ikkonsidrat

Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti illi Philip Xuereb spicca ferut wara argument illi huwa kellu ma' l-akkuzat Stacey Chircop. Tressqu diversi xhieda li kollha xehdu dwar il-fatt li Stacey Chircop kienu ilhom ghal tul taz-zmien jixorbu flimkien gewwa l-Welcome Bar.

Illi xi hin il-konverzazzjoni spiccat fuq il-klieb in kwantu rrizulta wkoll mix-xhieda illi Philip Xuereb huwa dilettant tal-klieb, b'mod partikolaru u ghal kollox xejn lodevoli, tal-glied tal-klieb.

Jirrizulta wkoll li fil-fatt Chircop gewwa l-Welcome Bar kellu mieghu il-kelb tieghu. Min-naha tieghu Xuereb sahansitra sfratta loghba ta' karti bejn tnejn min-nies u b'certu prepotenza baghat lil wiehed minnhom igiblu l-kelb tieghu. Minn hawn jidher li beda jinqalgha l-inkwiet bejn Chircop u Xuereb, ghax lill-vittma baqgha jinsisti li kellhom igelldu dawn il-povra klieb u Chircop baqgha jirrifjuta ghax il-kelb ta' Xuereb kien ferm akbar.

Jirrizulta wkoll minn dawk li qalu x-xhieda illi f'dan l-istadju Xuereb qal diskors lil Stacey Chircop fis-sens illi hu, cioe Stacey, kien jibza' mill-kbir. Kien ma' dan id-diskors li l-istess Chircop hareg mill-bar, halla l-kelb barra, dahal lura u aggredixxa lil Xuereb waqt li ndirizzah fis-sens li ma kienx jibza' minnu.

Jirrizultaw zewg xhieda okulari ta' dan il-fatt, Joseph Cordina u Joseph Xuereb.

Il-Qorti ma ghandha lanqas ebda dubju f'dak li xehdu l-istess imsemmija, anke jekk Xuereb fil-bidu tal-investigazzjoni qal lill-Pulizija li hu ma kien ra xejn. Pero' huwa spjega dan ghax qal li bezgha u in oltre dan fil-punti saljenti Xuereb kull darba li xehed kien kontrarjament ghal dak prepost mid-Difiza kredibbli.

Fil-fatt kemm Cordina kif ukoll Xuereb kienu ferm cari dwar kif spicca ferut l-istess Philip Xuereb.

Wiehed ukoll ghandu jiftakar li Philip Xuereb anke jekk b'certu diffikultajiet, bil-mod monoistiku li llum jitkellem bih, bl-ghajnuna ta' mossi u bl-ghajnuna ta' speech therapist indika li kien Stacey Chircop l-aggressur tieghu.

Punt iehor ghandu jigi rilevat f'dan l-istadju u dan in kwantu gie suggerit mill-Prosekuzzjoni u mill-liema suggeriment donnha hadet spunt f'dak is-sens id-Difiza, u cioe d-Difiza tal-legittima Difiza. Ticcita hawn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija v Karmenu Cutajar omissis (04/02/03 Imhallef Degaetano) fejn il-Qorti qalet, in linea mad-duttrina accetata f'dan ir-

rigward illi biex ma jirrizultax reat invokata l-legittima difiza.

"... hu mehtieg li jirrizulta, imqar fuq bazi ta' probabilita' li l-akkuzat ikun ikkaguna offizi fuq il-persuna ... biex jiddefendi ruhu jew biex jiddefendi lil haddiehor minn hsara ingusta gravi u inevitabbli ... Il-hsara pero' trid tkun ukoll inevitabbli, fis-sens li trid tkun attwali (jigifieri ta' dak il-hin stess, mhux semplici minacca ta' xihaga fil-futur), improvvisa u impreveduta u li ma tkunx tista' tigi ragonevolment evitata b'xi mod iehor hlief dak li jkun jikkaguna offiza fuq il-persuna ta' l-aggressur."

Illi stabbilit kif premess dak li kienet l-azzjoni ta' Chircop, certament l-aggressjoni tieghu fuq Xuereb ma kinitx wahda li ssib l-iskuzant tal-legittima Difiza. Ma ezista ebda perikolu attwali jew immedjat ghalih (jew ghall-kelb tieghu) tant li ftit mix-xhieda jghidu li lanqas biss hasbu li l-argument bejniethom kien se jwassal sa hemm. Oltre hekk zgur li l-incident kien ragonevolment evitabbli ghax Chircop setgha facilment meta hareg barra bil-kelb baqa' sejjer mhux dahal lura u aggredixxa lil Xuereb.

Ghaldaqastant qed issib lil Stacey Chircop hati kif akkuzat u dan wara li rat l-artikoli 216, 217, 218 tal-Kapitlu 9, 13, 19, 26 tal-Kapitlu 66, 49 u 50 tal-Kapitlu 9.

Fir-rigward tar-recidiva u s-sentenzi esebiti, rat li dawn kienu kopji legali ta' l-istess, debitament iffirmati mid-deputat registratur ghahekk kopja legali ta' l-istess. Dwar il-piena rat il-fedina penali ta' l-akkuzat, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hames snin li minnhom jitnaqqas l-arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------